MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Talba Numru. 549/2006

**Talba Nru: 549/06PBC**

**Roxy Home Furnishings
Limited (C-14659)**

**Vs**

**Mario u Jacqueline konjugi
Pisani**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm1,045) rapprezentanti 'laminate flooring' (parquet) u accessorji relatati mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti, inkluz fl-ammont, il-hlas ghat-tqeghid ta' l-istess 'laminate flooring'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm1,045), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------